**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 11 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 35/2017**

**Megan Evans**
**Vs**
**Ministerju tal-Finanzi u li b'digriet datat 11 ta' Ottubru 2018 gie jaqra Ministeru ghall-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Megan Evans** ipprezentat fis-6 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti, li hija cittadina Brittanika u li ilha tghix hawn Malta ghal ftit izjed minn sena kienet ghamlet applikazzjoni mal-Awtoritajiet kompetenti gewwa Malta biex tinghata exenzzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Chapter 368) (Transfer of Residence) and Regulation Form of the exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L.368.01).*

2. *Illi permezz ta' ittra lilha mibghuta fis-16 ta' Mejju 2017 bir-referenza MF42/09/2139 l-applikazzjoni taghha sabiex tinghata ezenzzjoni biex ma' thallasx taxxa ta' Registrazzjoni fir-rigward tal-vettura taghha Volkswagen Beatle TDI numru ta' registrazzjoni OV02OSC l-applikazzjoni taghha giet irrifjutata.*

3. *Illi l-esponenti hasser ruhha aggravate b'tali decizzjoni u minnha qieghdha tinterponi dan l-appell ai termini tal-Ligi.*

*Illi l-fatti fir-rigward tal-vettura msemmija huma s-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti kienet applikat ghal transfer of residence ghall-karozza taghha fuq riferita u dana billi kienet xtratha sentejn qabel li kisbet il-permess ta' residenza taghha Maltija. Mill-logbook Ingliz tal-vettura in kwistjoni id-data msemmija f'dak il-logbook kienet tindika illi l-vettura giet minnha akkwistata ftit granet qabel is-sentejn li timponi l-ligi pero' fil-verita din id-data fuq il-logbook Ingliz kienet giet hekk indikata bi zball u dan l-izball gie ammess ukoll mid-DVLA li hija l-ekwivalenti ta' Transport Malta gewwa l-Ingilterra b'dan illi l-istess data fuq il-logbook giet korretta biex tindika d-data attwali li fiha giet mixtrija din il-vettura b'dan illi l-logbook kien gie mibghut bil-posta lil DVLA illi bidel l-istess logbook b'wiehed li fih giet indikata d-data korretta ta' meta l-vettura giet attwalment mixtrija mill-esponenti. Dan il-logbook il-gdid sfortunatament ghadu ma' wasalx Malta sal-lum, pero' mistenni li jasal Malta fil-granet li gejjin u ghalhekk ma' jistghax f'dan il-mument jigi anness ma dan ir-rikors, l-esponenti pero' tintrabat illi immedjatament li tigi fil-pussess tieghu hija ser permezz ta' nota tipprezentah quddiem din il-Qorti.*

2. *Illi r-raguni tar-rifjut kienet illi l-esponenti ma' kienetx il-proprjetarja tal-imsemmija vettura ghal zmien ta' sentejn jew iktar mid-data ta' meta hija nghata l-permess ta' residenza taghha.*

3. *Illi din ir-raguni kif gie spjegat fl-ewwel paragrafu ta' dan ir-rikors m'hi la fattwalment u lanqas legalment korretta u ghalhekk l-intimat bl-ebda mod ma' kellu d-dritt jirrifjuta jilqa' l-applikazzjoni meta kien gie avzat tramite impjegati u ufficjali fid-dipartiment tal-Gvern involut ghal diversi drabi sahansitra tlett darbiet kull gimgha u allura meta l-esponenti kienet ghamlitha carrissima lil dawn l-ufficjali illi hija kienet filfatt saret prorpjetarja tal-imsemmija vettura ghal izjed minn sentejn. Dan ir-rifjut xorta wahda hareg minkejja illi d-DVLA (UK) kienu ammettew illi sar zball minnhom, zball genwin dwar id-data tal-akkwist tal-vettura u meta wkoll kienu nfurmaw lir-rikorrenti li minn naha taghha wkoll infurmat b'dan lill-uffijcali hawn Malta li kienu ser jikkorregu l-izball.*

4. *L-esponenti kienet sahansitra tenut kont ic-cirkostanzi offriet li titlaqa' ma dawn l-ufficjali anke permezz ta' emails u mhux biss telefonati biex tkun tista' tfiehem lil min kellu dritt jaghti jew jichad il-permess, li tiltaqa' mieghu/maghhom biex tfiehemhom li kien zball burokratiku minn naha tad-DVLA fl-*

*Ingilterra li d-data tal-akkwist kienet zbaljata, t-talba ghal din il-laqgha ma' kienetx giet ikkonsidrata.*

5. *Ghandu jinghad ukoll illi l-procedura li permezz taghha applikazzjoni simili ghal dik tal-esponenti suppost hadet sa xaharejn biex tinghata hadet izjed minn hames xhur haga illi l-ligi ma' tippermettix.*

6. *Gara wkoll illi l-esponenti kellha tinghata permess temporanju sakemm tigi pprocessata l-applikazzjoni taghha permess li kellu jigi mahrug mhux izjed tard minn 30 jum mill-applikazzjoni u minkejja dak li tghid il-ligi u dak li qalulha l-ufficjali u minkejja li kienet iccempel darbtejn kuljum ghal xahar wara xahar, mhux talli dan il-permess temporanju qatt ma' nhareg izda sahansitra cirka gimghatejn ilu minflok inhareg il-permess temporanju nhareg minflok ir-rifjut li qed jigi hawn anness u mmarkat* **Dokument A**.

7. *Hemm diversi emails li l-esponenti qed tintrabat li tghaddi lil din il-Qorti permezz ta' nota, fil-granet li gejjin li jixhdu u jikkoraboraw dak li qed tghid l-esponenti f'dan ir-rikors. Hemm ukoll ix-xhieda tas-Sur Ceaser Grech ufficjal fil-Ministeru tal-Finanzi li jista' jikkonferma kemm il-darba l-esponenti ppruvat tfiehem lid-dipartiment illi hi kellha kull dritt illi d-dipartiment jaccetta t-talba taghha ghall-ezenzzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni in konnessjoni mal-vettura taghha.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru intimat permezz tal-ittra tas-16 ta' Mejju 2017 li permezz taghha t-talba tal-esponenti ghall-ezenzzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura taghha billi tilqa' l-istess talba u b'hekk tordna lill-Ministeru li jezentaha mill-hlas ta' kull taxxa ta' registrazzjoni dwar l-istess."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** pprezentata fit-30 ta' Gunju 2017 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponent sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors interpost min Megan Evans li permezz tiegħu talbet lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċizjoni tal-Ministeru intimat bid-data 16 ta' Mejju 2017, u minflok, tilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex tigi eżentata mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni u b'hekk tordna lill-Ministeru intimat biex jeżenta lir-rikorrenti mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura tagħha.*

2. *L-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *L-applikazzjoni ġiet rifjutata mill-Ministeru intimat għax skont l-informazzjoni li tat ir-rikorrenti u skont id-dokumenti li hi esebiet ma' l-applikazzjoni, l-vettura ma kinitx irreġistrata f' isimha għal mill-inqas erbgħa u għoxrin xhar minn qabel id-data tat-transferiment tar-residenza tagħha għall-Malta kif titlob il-ligi.*

4. ***L-artikolu 4 subinċiż 3 tal-leġislazzjoni sussidjarja 368.01** jgħid li:*

   *Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1); hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħad jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih, qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta.*

5. ***Il-leġislazzjoni sussidjarja 368.01 f'artikolu 4 subinċiż 6** tispeċifika li l- applikazzjoni għandha tiġi preżentata lill-Awtorita' fuq il-formola xierqa u l-applikant għandu jippreżenta prova li tkun suffiċjenti. Din il-prova tista' tinkludi ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni tal-vettura jew xi dokumenti li jistabilixxu b'mod ċar li t-taxxi relevanti skont is-subregola (2)(b) jkunu tħallsu u ma kienx hemm rifużjoni tagħhom.*

6. *Meta ir-rikorrenti ssottometiet l-applikazzjoni, hija indikat li ħadet ir-residenza tagħha hawn Malta fit-22 ta' Novembru 2016 u hija indikat ukoll li l-vettura tagħha giet akkwistata fis-17 ta' Novembru 2014. Iżda, mal-applikazzjoni tagħha, r-rikorrenti annettiet kopja tal-logbook fejn l-istess jindika li id-data ta' meta r-rikorrent irreġistrat il-karozza kienet il-11 ta' Diċembru 2014 u mhux is-17 ta Novembru 2014. Il-Ministeru ibbaża id-deċiżjoni tiegħu fuq id-data li hemm fil-logbook, li hi il-11 ta' Diċembru 2014, u mhux fuq dik li hemm fuq l-applikazzjoni, għar-raguni li l-logbook huwa dokument uffiċjali, maħrug minn Awtorita' kompententi fir-Renju Unit u allura għandu aktar saħħa u kredibilita'.*

7. *Issa, ir-rikorrenti qed tgħid li id-data li hemm fuq dan il-logbook hija żbaljata. Qed tgħid ukoll li hija ġa talbet lil awtoritiajiet Ingliżi biex jemendaw id-data u dawn qablu li id-data hija żbaljata u aċċetaw ukoll li jemendaw id-data min fuq il-logbook. Madankollu, ir-rikorrenti sal-ġurnata tallum qatt ma' ppreżentat dokument/i li jisustanzja dak li qed tgħid jew li juri li d-data ta' fuq il-logbook hija żbaljata. Tant hu hekk, li fir-rikors promutur hi*

*qed tgħid li il-logbook emendat ghadu ma wasalx Malta u ser jigi preżentat fil-mori tal-kawża.*

8. *Madankollu, il-Ministru ma' setax jieħu deċizjoni fuq il-kelma biss tar-rikorrenti jew id-dati indikati fuq l-applikazzjoni. Il-Ministeru mexa skont il-liġi u ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq id-dokumenti uffiċjali li ppreżentat l-applikanta stess.*

9. *Barra minn hekk, ir-rikorrenti fir-rikors promutur tenniet li ir-raġuni li ta l-Ministeru intimat meta ċaħad l-applikazzjoni tagħha "m'hi la fatwalment u lanqas legalment korretta". Il-Ministeru jirribatti din il-premessa għar-raġunijiet li ġa ġew spjegati f'din ir-risposta u li jispjegaw kif il-Ministeru mexa skont il-liġi u fuq id-dokumenti li ġew preżentati, u allura ma jistax jingħad li id-deċizjoni tiegħu ma kinitx legalment korretta jew li l-Ministeru żbalja b'xi mod dwar il-fatti tal-każ inkwistjoni.*

10. *Ir-rikorrenti qed tghid ukoll illi hija kellha tingħata permess temporanju sakemm tigi proċessata l-applikazzjoni tagħha u dan il-permess kellu jingħata fiż-żmien ta' 30 jum mill-applikazzjoni u li dan il-permess qatt ma' ngħatalha. Il-Ministeru jwieġeb għal dan billi jgħid li hu ma setax joħroġ dan il-permess għaliex kien hemm diskrepanza bejn in-numru tal-pjanċa tal-vettura u l-biljetti tal-katamaran. Fil-fatt, ir-rikorrenti preżentat applikazzjoni b'numru ta'pjanċa mod u biljett tal-katamaran b'numru tal-pjanċa mod ieħor. Dan ġab dubju lil-Ministeru jekk il-karozza fil-fatt waslitx Malta jew le.*

11. *Ġie ritenut ukoll li l-Ministeru dam ħafna biex bagħat id-deċizjoni tiegħu u li il-liġi ma' tippermettix lill-Ministeru jdum biex jibgħat risposta. Il-Ministeru jtenni* ***li l-ligi sussidjarja 368.01*** *fejn jirrigwarda din l-iskema, ma' tistabilixxi l-ebda terminu li fih il-Ministeru għandu jwieġeb. Barra minn dan, ir-raġuni li kien hemm dewmien fit-teħid tad-deċiżjoni ma tistax titqies bħala raġuni sabiex tigi mħassra d-deċiżjoni tal-Ministeru.*

12. *Fid-dawl tas-suesport, jidher ċar li r-rikorrenti ma' kellhix il-vettura irregistrata f' isimha għal mil-lanqas erbgħa u għoxrin xahar qabel qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tagħha hekk kif titlob il-ligi u għaldaqstant l-applikazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura tar-rikorrent ma' setgħatx tintlaqa' u fil-fatt ġiet ġustament miċħuda stante li ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra l-affidavit tar-rikorrenti;

Sema' lil Francis Attard;

Sema’ lir-rikorrenti u lil Paul Waters fuq talba tat-Tribunal;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pprocediet b’dan ir-rikors peress li hassitha aggravata b’decizjoni tal-Ministeru intimat datata 16 ta’ Mejju 2017 liema decizjoni giet esebita bhala Dok A a fol. 4 tal-process u li kienet tghid, *inter alia,* is-segwenti:

*“Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (a) which stipulates that “it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still registered when the vehicle is imported or brought into Malta.”*

Illi l-aggravju principali tar-rikorrenti hu illi l-Ministeru intimat ghamel applikazzjoni hazina tal-fatti ghaliex qies li l-vettura in kwistjoni ma kinitx registrata fuq ir-rikorrenti ghal iktar minn erba’ u ghoxrin xahar qabel hadet ir-residenza taghha hawn Malta.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija sid il-vettura tal-ghamla Volkswagen Beetle u hija cittadina tar-Renju Unit li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta f’Mejju 2016. Tghid li hija kienet gabet maghha vettura li kienet xtrat fir-Renju Unit. Tispjega li meta applikat ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni hija kienet informata li ma kinitx intitolata ghaliha stante li l-vettura ma kinitx ilha registrata

f'isimha iktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data tat-trasferiment taghha. Tispjega li dan kien zball stante li l-vettura kienet xtratha 'il fuq minn erbgha u ghoxrin xahar qabel u li d-*Driver and Vehicle Licensing Agency* (DVLA), li hi ekwivalenti ghall-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, kienet hadet zball fir-registrazzjoni tad-data meta hija xtrat l-istess vettura. Tghid li hija xtrat il-vettura fis-17 ta' Novembru 2014 mentri fuq il-*log book* id-data giet erronjament indikata bhala l-11 ta' Dicembru 2014.

**Francis Attard**, *Chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board,* spjega illi r-rikorrent iddikjarat li kienet ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta fit-22 ta' Novembru 2016, waqt li mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni jirrizulta illi l-istess giet registrata f'isimha fil-11 ta' Dicembru 2014. Mistoqsi ghala l-Bord, fil-kors ta' dawn il-proceduri, u wara li r-rikorrenti ssottomettiet dokumenti godda, xorta baqa' tal-fehma illi ma kinux ghaddew erbgha u ghoxrin xahar minn meta r-rikorrenti irregistrat il-vettura f'isimha, spjega illi sar dan peress li r-rikorrenti, wara r-rifjut tal-Bord, gabet dikjarazzjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit wara li ddikjarat illi m'ghandhiex certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura. B'risposta ghal dan ir-rikorrenti spjegat illi hija kienet f'komunikazzjoni mal-awtoritajiet tar-Renju Unit fejn wara li pprovditilhom l-*invoice* tal-vettura giet korretta d-data tac-certifikat ta' importazzjoni.

Illi wara li dan it-Tribunal iddifferixxa r-rikors ghas-sentenza ghall-21 ta' Gunju 2018 innota li fl-applikazzjoni in ezami r-rikorrenti nizzlet bhala l-indirizz elettroniku taghha is-segwenti: ***megan@octagoncars.co.uk.*** Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi hija xtrat l-istess vettura minghand l-imsemmija **Octagon Cars**. Ghalhekk it-Tribunal hass li r-rikorrenti kellha taghti spjegazzjoni ghaliex dan il-fatt qatt ma ssemma, anzi fix-xhieda taghha tat l-impressjoni li jista' jkun li l-kumpanija minn fejn xtrat il-vettura setghet baghtet il-karti lill-Awtorita` tat-Trasport estera tard meta giet mistoqsija ghala skond hi d-data ta' fuq il-*log book* kienet zbaljata. Fil-fatt ghal din il-mistoqsija hija wiegbet hekk – *"It sometimes depends on where you*

*buy it from, whether they send documents off, how many days later. To me it made no difference."*[1]

Ghalhekk it-Tribunal sejjah lir-rikorrenti biex tixhed fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2018 fejn hi spjegat illi hija kienet *silent director* tal-Kumpanija li minghandha inxtrat il-vettura in kwistjoni, liema negozju kien immexxi minn certu Fred. Tispjega li s-sieheb taghha, Paul Waters, x'aktarx ukoll kien direttur tal-istess Kumpanija. Mistoqsija mit-Tribunal kif hallset ghall-vettura in kwistjoni hija wiegbet li hallsitha *cash*. Mistoqsija kif qatt ma gabet dikajrazzjoni mill-imsemmi Fred dwar id-data meta effettivament inxtrat il-vettura hija stqarret li qatt ma giet mitluba taghmel dan.

It-Tribunal talab ukoll lil Paul Waters, is-sieheb tar-rikorrenti, biex jaghti x-xhieda tieghu fejn spjega li n-negozju ta' Octagon Cars kien jigi gestit minnu mill-indirizz tar-residenza tieghu stess. Huwa stqarr illi huwa kien il-persuna responsabbli li hareg l-*invoice* tal-vettura in kwistjoni lir-rikorrenti. Jispjega li hu u Fred kienu l-persuni responsabbi biex wara x-xiri tal-vettura jibghatu d-dokumentazzjoni kollha lill-Awtorita` tat-Trasport gewwa r-Renju Unit

**Ikkunsidra:**

Illi wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-provi kollha migjuba quddiemu, u qabel ma jaghddi biex jinvesti l-mertu ta' dan l-appell se jordna korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex isem il-Ministeru intimat jigi jaqra skond kif inhu formlament maghruf u cioe` "Ministeru ghall-Finanzi".

Illi fil-mertu t-Tribunal josserva illi fid-decizjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") ibbaza r-rifjut tieghu fuq Regolament 4 (3) (a) li jghid is-segwenti :

*"4(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) –*

[1] A fol. 54 tal-process

*(a)* ***hija trid tkun <u>ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta</u> u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;*"**

Illi ghalhekk dan ir-Regolament fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni u cioe:-

**1. li l-vettura tkun ilha registrata f'isimha ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal Malta, u**

**2. tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta.**

Illi mid-dokumentiipprezentati mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:-

a. Illi fl-applikazzjoni taghha hija **ddikjarat li akkwistat il-vettura in kwistjoni fis-17 ta' Novembru 2014**;
b. Illi hija hadet ir-residenza ordinarja taghha f'Malta fit-22 ta' Novembru 2016;
c. Illi skond id-dokument maghrufa bhala V5C li huwa ekwivalenti ghal-*log book* hawn Malta hemm imnizzel illi r-rikorrenti **akkwistat il-vettura in kwistjoni fil-11 ta' Dicembru 2014;**[2]
d. Illi skond ic-certifikat ta' esportazzjoni permanenti mahrug fid-29 ta' Gunju 2017 wara talba tar-rikorrent, id-data meta l-vettura giet akkwistata minnha giet imnizzla bhala s-17 ta' Novembru 2014 u dan wara li l-istess rikorrenti ghamlet talba li-DVLA sabiex jinhargilha tali certifikat fejn hi ddikjarat li xtrat il-vettura fid-data msemmija;[3]
e. Giet ipprezentata wkoll *invoice* ta' Octagon Cars li tindika l-prezz tal-vettura u xi dikjarazzjonijiet li r-

[2] Dok MF2 a fol. 18 et seq.
[3] Dok B u C a fol. 35 u 36

rikorrenti ghamel dwar l-assigurazzjoni. Din l-*invoice* hija datata 17 ta' Novembru 2014;[4]

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-kwistjoni hija wahda semplici, u cioe`, jekk effettivament ir-rikorrenti ilhiex is-sid registrat tal-vettura in kwistjoni ghal iktar minn erbgha u ghoxrin xahar jew le. Biex issahhah l-argumenti taghha ir-rikorrenti pproduciet *invoice* tan-negozjant li bieghilha l-vettura, u cioe` Octagon Cars, liema kumpanija fuq mistoqsija tat-Tribunal irrizulta li kienet involuta fiha bhala Direttur. Illi t-Tribunal fela sew l-imsemmija *invoice* u ma jistghax ma josservax illi ma hemm l-ebda evidenza fiha illi l-ammont tal-bejgh fil-fatt gie mhallas u li allura l-vettura nxtrat fid-data tas-17 ta' Novembru 2014. Anzi fl-istess *invoice* hemm imnizzel "Pay this amount" filwaqt li fl-ispazju fejn il-kliem "Paid in full by cash, credit card, Bacs/Online, Papal" m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-istess ammont gie mhallas. Madankollu r-rikorrenti stqarret illi hija kienet hallset l-ammont indikat fi flus kontanti. Dan apparti li fil-fehma tat-Tribunal fl-istess *invoice* hemm dikjarazzjonijet konfliggenti fis-sens li f'parti mill-istess *invoice* gie dikjarat illi r-rikorrenti kienet qieghda taghzel li tiehu polza ta' assikurazzjoni filwaqt li ezattament tahtha gie dikjarat li ma kinitx qieghda taghzel li tinxurja l-vettura u ghaldaqstant kienet qed tiehu rohs fil-prezz tal-istess.

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti zammet lura fatt importanti minn dan it-Tribunal, u cioe` li ma ddikjaratx mill-ewwel illi hija kienet xtrat il-vettura in kwistjoni minn kumpanija li taghha hija Direttur. Illi t-Tribunal josserva illi l-mod kif inhi l-*invoice* esebita hija wahda li tista' ddahhal fiha kwalunkwe informazzjoni, inkluz data, li wiehed ikun irid u ghalhekk dan it-Tribunal ma jhossx illi din l-*invoice* hija l-ahjar prova li r-rikorrenti setghet iggib biex tipprova d-data tal-akkwist tal-vettura. Dan iktar u iktar meta s-sieheb taghha, Paul Waters, iddikjara li kien hu stess li hareg l-istess *invoice.* Stranament l-imsemmi Paul Waters ma giex prodott mir-rikorrenti bhala xhud izda kellu jkun it-Tribunal innifsu li jipproducih bhala xhud.

[4] Esebita a fol. 27

Illi t-Tribunal, bhall-Bord, ma jistghax jistrieh fuq ic-certifikat ta' esportazzjoni permanenti ghax fih hemm imnizzla data li giet mghoddija lill-istess Awtorita` mir-rikorrenti stess. In oltre, l-ligi trid li l-vettura li dwarha tkun qieghda tintalab l-ezenzjoni trid tkun ilha mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar **registrata fuq l-applikant**. L-uniku data certa hija dik imnizzla fic-certifikat ta' registrazzjoni tar-Renju Unit fejn hemm imnizzel li l-vettura giet akkwistata fil-11 ta' Dicembru 2014. L-uniku data li juri c-certifikat ta' registrazzjoni hija dik tal-11 ta' Dicembru 2014. Kwindi ma jirrizultax illi l-vettura *de quo* kienet ilha registrata fuq ir-rikorrenti ghal iktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel ittrasferiet ir-residenza ordinarja taghha hawn Malta fit-22 ta' Novembru 2016.

Illi t-Tribunal josserva illi ghalkemm fir-rikors promutur ir-rikorrenti tiddikjara illi *l-izball tad-data ta' akkwist "gie ammess ukoll mid-DVLA li hija l-ekwivalenti ta' Transport Malta gewwa l-Ingilterra b'dan illi l-istess data fuq il-logbook* ***giet korretta biex tindika d-data attwali li fiha giet mixtrija din il-vettura b'dan illi l-logbook kien gie mibghut bil-posta lil DVLA illi bidel l-istess logbook b'wiehed li fih giet indikata d-data korretta ta' meta l-vettura giet attwalment mixtrija mill-esponenti[5]",*** fil-verita` il-log book tal-vettura in kwistjoni qatt ma jirrizulta li nbidel. Kif ga inghad ic-certifikat ta' esportazzjoni ma jekwivalix ghal *log book,* iktar u iktar meta d-data giet mibdula fuq semplicement rikjesta tar-rikorrenti wara li ddikjarat li l-istess *log book* ma kienx fil-pussess taghha ghax kien ghand id-DVLA biex jigi emendat. Madankollu dan il-*log book* emendat qatt ma gie pprezentat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis li l-Bord kien korrett meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti u baqa' bl-istess posizzjoni anke wara li rreveda d-dokumentazzjoni esebita fil-mori ta' dan l-appell.

**DECIDE**

[5] Enfasi tat-Tribunal

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**